**Ruling mogħti mill-Ispeaker Anġlu Farrugia fis-Seduta 128, 11 ta' Marzu 2014**

Is-Sedja tirreferi għat-talba tal-Onor. Tonio Fenech, Chairman tal-Kumitat dwar il-Kontijiet Pubbliċi, li saret waqt il-laqgħa tal-istess Kumitat ilbieraħ, 10 ta' Marzu 2014, fejn qal hekk:

> "Fl-isfond tad-dritt ta' dan il-Kumitat li jtella' x-xhieda, l-iSpeaker huwa mitlub li jagħti direzzjoni lil dan il-Kumitat dwar jekk hemmx limitazzjoni fix-xhieda li tingħata u dwar min jista' jittella' biex jixhed. U minn hemm imbagħad nimxi fuq id-direzzjoni li jagħtina l-iSpeaker."

Il-kwestjoni kollha nqalgħet meta matul is-seduta tal-bieraħ tal-Kumitat dwar il-Kontijiet Pubbliċi, li fiha ġie mħarrek biex jixhed l-Avukat Ġenerali Dr Peter Grech, bdew isirulu domandi, fosthom – u nikkwota - mistoqsija li staqsa l-Onor. Jason Azzopardi:

> "Ara, Sur Avukat, sa Marzu 2013, il-Gvern jew il-Government Property Department, kienu kellmuk jew avviċinaw l-Uffiċċju tiegħek b'xi mod dwar xi possibbiltà ta' tranżazzjoni bejn il-partijiet fuq din il-kwestjoni li kienet għaddejja l-qorti sa Marzu 2013?"

Ir-risposta tal-Avukat Ġenerali Dr Peter Grech kienet tgħid hekk:

> "B'din domanda qegħdin nersqu fuq is-sigriet professjonali issa."

L-Onor. Jason Azzopardi reġa' qal hekk:

> "Jiġifieri sa Marzu 2013 il-Gvern li jien allura kont nagħmel parti minnu, jien kont responsabbli mid-Dipartiment tal-Artijiet, tiftakar jekk qattx jiena kellimtek dwar xi possibilità?"

L-Avukat Ġenerali Dr Peter Grech irrisponda hekk:

> "Din iddaħħalni fi kwestjoni ta' problema ta' sigriet professjonali."

L-Onor. Jason Azzopardi reġa' staqsa:

> "Allavolja bħala ex klijent jien neżentak mis-sigriet, qed tħoss li għadek marbut?"

L-Avukat Ġenerali Dr Peter Grech irrisponda hekk:

> "Jien ma kontx l-avukat tiegħek personali, tal-Gvern ..."

Il-kwestjoni kollha hija jekk l-Avukat Ġenerali huwiex eżentat mis-sigriet professjonali jew jistax jiġi eżentat mis-sigriet professjonali minn Membru Parlamentari li f'perjodu qabel l-istess seduta tal-bieraħ kien ukoll membru tal-Eżekuttiv, membru fil-Kabinett tal-gvern preċedenti. Id-diskussjoni qamet ukoll dwar min jista' jeżenta lill-Avukat Ġenerali Dr Peter Grech mis-sigriet professjonali biex jirrispondi għal ċerti domandi li mhux biss ikopru interpretazzjoni ta' xi dokument, imma jkopru wkoll min kienet il-persuna li setgħet talbet parir, il-kontenut tal-parir, jekk irrifjutax li jagħti dak il-parir, jekk il-parir taħx, eċċ. u nikkwota dak li qal l-Avukat Ġenerali Dr Peter Grech waqt l-istess laqgħa:

> "Is-sigriet professjonali jkopri mhux biss il-kontenut tal-parir, imma anke jekk tajtx parir. Jiġifieri jekk se jibdew isiru dawn it-tip ta' domandi se tpoġġuni f'pożizzjoni skomda ħafna mas-sigriet professjonali."

Hawnhekk iċ-Chairman informa lill-Kumitat li fiċ-ċirkostanzi kellu jintalab ruling mingħand l-iSpeaker.

F'dan id-dibattitu dwar il-kwestjoni tas-sigriet professjonali, *più o meno,* ħadu sehem attivament il-Membri tal-istess Kumitat dwar il-Kontijiet Pubbliċi l-Onor. Edward Zammit Lewis, l-Onor. Jason Azzopardi, kif ukoll Membri oħra, fosthom l-Onor. Justyne Caruana. Fil-fatt f'mument minnhom, meta kienet qed issir osservazzjoni dwar din il-kwestjoni, is-Segretarju Parlamentari Michael Farrugia qal:

> "Jien min-naħa tiegħi m'għandi ebda problema li jkun hemm ... imma napprezza wkoll il-pożizzjoni li ħa l-Onor. Zammit Lewis. Min-naħa l-oħra, jien nista' nagħmel dikjarazzjoni li ma tlabtx lill-Avukat Ġenerali

jmur f'xi direzzjoni partikolari, imma li kien hemm talba min-naħa tad-Dipartiment biex jagħti l-pariri tiegħu dwar il-mistoqsijiet li fil-fatt kienu sarulu fuq iż-żewġ kawżi li kien hemm. Min-naħa tiegħi nista' nagħmel dikjarazzjoni ċara, u jista' jikkonferma l-Avukat Ġenerali, li fl-ebda ħin ma għidtlu: jien irrid immur f'dik id-direzzjoni."

Għalkemm l-Avukat Ġenerali ġie msejjaħ bħala xhud quddiem il-Public Accounts Committee, wieħed irid jifhem u japprezza li l-Avukat Ġenerali huwa uffiċjal maħtur skont il-Kostituzzjoni ta' Malta. Proprju taħt artiklu 91 l-istess Kostituzzjoni tgħid hekk:

"(1) Għandu jkun hemm Avukat Ġenerali li l-kariga tiegħu tkun kariga pubblika u li jkun maħtur mill-President li għandu jaġixxi skont il-parir tal-Prim Ministru.

(2) Ħadd ma jkun kwalifikat li jkollu l-kariga ta' Avukat Ġenerali jekk ma jkunx ikkwalifikat għal ħatra bħala mħallef tal-Qrati Superjuri.

(3) Fl-eżerċizzju tas-setgħat tiegħu biex jistitwixxi, jagħmel u jwaqqaf proċeduri kriminali ta' kull setgħa oħra mogħtija lilu b'xi liġi f'termini li jawtorizzawh li jeżerċita dik is-setgħa fil-ġudizzju individwali tiegħu, l-Avukat Ġenerali ma jkunx suġġett għad-direzzjoni jew kontroll ta' ebda persuna jew awtorità oħra.

(4) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (5) ta' dan l-artikolu l-Avukat Ġenerali għandu jivvaka l-kariga tiegħu meta jagħlaq l-età ta' ħamsa u sittin sena."

L-Avukat Ġenerali għalhekk huwa l-persuna li jista' jiġi mitlub mill-gvern tal-ġurnata biex jagħti direzzjonijiet u pariri, jiġi kkonsultat u jiġi mitlub mill-istess gvern biex jagħti anke *briefing* u ħsebijiet dwar liġijiet, emendi tal-liġijiet eċċ. Din hija funzjoni li l-Avukat Ġenerali jwettaq b'mod regolari mal-Gvern tal-ġurnata. Ikun hemm okkażjonijiet fejn jingħataw pariri u l-Gvern jieħu dawk il-pariri bħala l-klijent tiegħu u jkun hemm okkażjonijiet fejn il-Gvern jista' wkoll jiddeċiedi li ma jeħux dawk il-pariri. Hawnhekk mhux qed nitkellmu biss dwar x'jista' jitlob il-Gvern għaliex l-amministrazzjoni tal-pajjiż hija waħda wiesgħa

ħafna, b'ħafna awtoritajiet u dipartimenti tal-gvern li kollha b'xi mod jew ieħor ikunu qed jirrelataw mal-Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali.

L-Avukat Ġenerali huwa marbut bis-sigriet professjonali u biex huwa jinħall minnu jrid ikun l-istess Gvern li jagħmel dikjarazzjoni biex iħollu minn dan is-sigriet professjonali sabiex ikun jista' jagħti informazzjoni li tiġi mitluba minnu, bħal fil-każ li għandna quddiemna fejn saret domanda partikolari minn Membru tal-Kumitat dwar il-Kontijiet Pubbliċi fil-laqgħa tal-bieraħ tal-10 ta' Marzu, 2014. Il-pożizzjoni parlamentari u ċertament legali hija – u dejjem hekk kienet – li ladarba ma jkunx hemm dikjarazzjoni ta' ħelsien mis-sigriet professjonali lill-istess Avukat Ġenerali, dan għandu jibqa' bilfors marbut bis-sigriet professjonali. Fil-House of Commons din il-pożizzjoni hija indikata bħala *a long-standing convention.* Fil-fatt f'paġna 447 tal-Erskine May Parliamentary Practice, 24th edition, insibu hekk:

> "*By long-standing convention observed by successive Governments, the fact of, and substance of advice from, the law officers of the Crown is not disclosed outside government. This convention is referred to in paragraph 2.13 of the Ministerial Code. The purpose of this convention is to enable the Government to obtain frank and full legal advice in confidence. Therefore, the opinions of the law officers of the Crown, being confidential, are not usually laid before Parliament, cited in debate or provided in evidence before a select committee, and their production has frequently been refused; but if a Minister deems it expedient that such opinions should be made known for the information of the House, the Speaker has ruled that the orders of the House are in no way involved in the proceedings*."

Issa l-iSpeaker, jew iċ-Chairperson li jkun qed jippresjedi, f'dan il-każ iċ-Chairperson tal-Kumitat dwar il-Kontijiet Pubbliċi, ma jistax ikollu kontroll fuq l-ebda dokument li ma jkunx f'idejh jew li ma jkunx b'xi mod ġie ppreżentat fil-Parlament. Għaldaqstant informazzjoni tista' biss tiġi mitluba għax tkun tifforma parti minn dokumentazzjoni li l-Gvern ikun iddeċieda li jagħmilha pubblika billi jippreżentaha fuq il-Mejda tal-Kamra. Fil-fatt fl-Erskine May f'paġna 447 b'referenza għas-seduta 780 tal-House of Commons tal-1968/69 (paġni 491 sa 493), jingħad li:

> "Only when the Speaker himself has control of a document can he be involved in making it available to the House or a committee."

Għalhekk il-pożizzjoni taċ-Chairman tal-Kumitat dwar il-Kontijiet Pubbliċi hija li domandi jistgħu jsiru biss fuq dokumenti li jinsabu quddiemu jew li għandu kontroll fuqhom għaliex huma dokumentazzjoni parlamentari per konsegwenza ta' deċiżjoni tal-Gvern tramite Ministru jew Segretarju Parlamentari li jpoġġiha fuq il-Mejda tal-Kamra. Jekk il-Gvern ma jiddeċidix li jagħti l-awtorizzazzjoni lill-Avukat Ġenerali li jagħti informazzjoni fuq kwalunkwe dokument fejn seta' inkiteb xi parir jew fejn saret dikjarazzjoni fuq suġġett kif mitlub mill-istess Gvern, l-Avukat Ġenerali li jkun qed jittella' bħala xhud ma jistax jagħti dik l-informazzjoni.

Din hija l-pożizzjoni li dejjem ġiet ritenuta fil-House of Commons bħala konvenzjoni parlamentari fir-rigward ta' *law officers' opinion* u dwar ir-*responsibility for the laying of documents.*

Nagħmel referenza għal okkażjoni partikolari meta kienet saret domanda parlamentari lill-Prim Ministru fil-House of Commons fis-17 ta' Marzu, 2003 dwar il-kwestjoni tal-intervent militari fl-Iraq meta dakinhar il-Prim Ministru kien iddeċieda li jippreżenta fil-parlament il-parir li kien tah l-istess Avukat Ġenerali fir-rigward tar-riżoluzzjonijiet li kienu adottati taħt Kapitlu VII taċ-Charter tan-Nazzjonijiet Uniti. Dan huwa eżempju ta' kif il-Gvern stess ikun qed jagħmel *available* dokument, anke jekk ikun dokument li jirrigwarda parir. Ladarba dak il-parir isir pubbliku, ikunu jistgħu jsiru domandi dwaru lill-Avukat Ġenerali meta jkun imsejjaħ bħala xhud f'wieħed mis-*select committees*.

Fl-assenza ta' dan kollu l-Avukat Ġenerali ma jistax jiġi ordnat jirrispondi domandi li hu jkun qiegħed isib diffikultà jirrispondi minħabba s-sigriet professjonali, sakemm ma jkunx meħlus b'xi dokument li wieħed jista' jagħmel referenza għalih jew inkella sakemm l-istess Gvern ma jawtorizzahx biex jirrispondi u allura jeħilsu mis-sigriet professjonali biex jirrispondi dawk id-domandi.

Din il-pożizzjoni legali hija fil-konfront tal-Avukat Ġenerali, li għalkemm jista' jittella' bħala xhud mhuwiex xhud normali imma huwa persuna b'kariga kostituzzjonali u marbut kemm bil-Kostituzzjoni kif ukoll bl-Att dwar is-Sigriet Professjonali (Kap 377). Skont l-artiklu 6B tal-istess Att, l-unika raġuni li

għaliha xhud, f'dan il-każ avukat jew tabib, jista' jiġi meħlus mis-sigriet professjonali hija meta l-persuna tiġi ordnata biex tagħmel dan minn qorti jew *competent authority* u nikkwota:

> "6B. Bla ħsara għad-disposizzjonijiet tal-artikolu 642(1) tal-Kodiċi Kriminali u tal-artikolu 588(1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili persuna għandha tikxef informazzjoni li xort'oħra tkun koperta bis-segretezza professjonali meta tkun meħtieġa li tagħmel hekk:
>
> (a) minn awtorità kompetenti biex tinforza l-liġi jew regolatorja li tkun qed tinvestiga reat kriminali jew ksur ta' dmir;
>
> (b) minn maġistrat fil-kawża għall-finijiet ta' proċedimenti *in genere*; u
>
> (ċ) minn qorti ta' ġurisdizzjoni kriminali fil-kors ta' prosekuzzjoni għal reat kriminali."

Dan l-artiklu wkoll mhuwiex applikabbli għall-każ inkwestjoni meta l-uffiċjal imsemmi huwa l-Avukat Ġenerali. Ċertament huwa diffiċli li timmaġina lill-Avukat Ġenerali li jkun qiegħed quddiem il-qorti li tkun qed tinvestiga offiża kriminali, jiġi mitlub jagħti l-informazzjoni fuq dak li b'mod professjonali jkun ottjena huwa stess. Dawn huma eċċezzjonijiet li kif jindika l-artikolu 2 tal-istess Kap 377, huma applikabbli primarjament għall-impjegati tal-Gvern, impjegati ta' korpi kostitwiti, persuna li għalkemm mhijiex impjegat tal-Gvern jew ta' korp kostitwit tagħmilha ta' konsulent mal-Gvern jew persuna li għalkemm mhijiex uffiċjal tkun qed tirrappreżenta lil xi korp kostitwit. Dawn huma l-persuni li jistgħu jiġu meħlusa mis-sigriet professjonali biex jagħtu l-informazzjoni li jkollhom waqt li jkunu qed jagħtu x-xhieda tagħhom.

Jekk inħarsu lejn l-artiklu 3 ta' Kapitlu 377 insibu dan li ġej:

> "**3** (1) Dawk il-persuni li, minħabba fl-istat, professjoni jew kariga tagħhom, jidħlu fl-ambitu tal-artikolu 257 tal-Kodiċi Kriminali, jinkludu dawn li ġejjin: membri ta' professjoni regolata mill-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha, avukati, nutara, prokuraturi legali, ħaddiema soċjali, psikologi, *accountants*, udituri, impjegati u uffiċjali ta' istituzzjonijiet finanzjarji u ta' kreditu, *trustees*, uffiċjali ta' kumpannija *nominee*, jew ta' *nominee* liċenzjata, persuni li jkollhom liċenza biex jipprovdu servizzi ta' investiment taħt l-Att dwar Servizzi ta' Investimenti, *stockbrokers* li jkollhom liċenza taħt l-Att dwar is-Swieq Finanzjarji, assiguraturi, aġenti

tal-assigurazzjoni, *managers* tal-assigurazzjoni, *brokers* fl-assigurazzjoni u sotto-aġenti fl-assigurazzjoni, uffiċjali u impjegati tal-Istat."

Dan l-artiklu fl-ebda mument ma jagħmel referenza għall-Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali.

Għaldaqstant is-Sedja tiddikjara li l-Avukat Ġenerali mhuwiex xhud normali imma huwa xhud li huwa marbut bis-sigriet professjonali u jista' jiġi eżentat biss milli jirrispondi domandi li jaqgħu taħt is-sigriet professjonali mill-istess Gvern għaliex il-Gvern huwa l-klijent kollettiv, biex ngħidu hekk, tal-istess Avukat Ġenerali. Dan ifisser li jekk l-Avukat Ġenerali jħoss li d-domandi li qed isirulu huma kwestjonijiet li jinkombu fuq is-sigriet professjonali, huwa jista' minnufih, mingħajr ma jagħti ebda raġuni, jagħżel li ma jirrispondix dawk id-domandi minħabba li huwa marbut bis-sigriet professjonali. Huwa l-Gvern biss li jista', jew b'xi dokument jew b'dikjarazzjoni li jagħmel fil-konfront tal-istess Avukat Ġenerali, jagħtih il-fakultà biex jirrispondi dawk id-domandi u jagħti dik l-informazzjoni li tkun marbuta bis-sigriet professjonali.

Dan huwa *ruling* konkluživ fuq din il-materja. Min-naħa l-oħra għalkemm is-Sedja tifhem li jistgħu jqumu kwestjonijiet legali bħalma hija din il-kwestjoni dwar l-interpretazzjoni ta' meta s-sigriet professjonali jista' jinħall jew le fil-konfront tal-Avukat Ġenerali - dan huwa każ partikolari li probabbilment qatt ma nqala' fl-istorja parlamentari *nostrali* – is-Sedja dejjem titlob il-bonsens tal-partijiet li fejn kwestjoni tkun toħroġ ċara mil-liġi, bħalma joħroġ ċar li r-relazzjoni bejn l-Avukat Ġenerali u l-Gvern hija dejjem relazzjoni bejn il-Gvern tal-ġurnata u l-istess Avukat Ġenerali, ma jkunx hemm għalfejn wieħed jidħol f'ħafna dibattitu inutli li jista', b'xi mod, iżomm il-progress tal-istess xogħol tal-Kumitat dwar il-Kontijiet Pubbliċi. Għalhekk is-Sedja tirrakkomanda li kull membru tal-Kumitat dwar il-Kontijiet Pubbliċi jkompli jikkopera kemm jista' jkun maċ-*Chairperson* biex ix-xogħol jibqa' miexi mingħajr aktar ostakoli.